



Brussell, 20 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14265/19

FIN 754
SAN 471
SOC 755

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12913/19 FIN 636 SAN 423 SOC 662	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 07/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali: ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenġtieg ġestjoni aħjar" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Ottubru 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ottubru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 7/2019 tal-Qorti Ewropea tal-

Awdituri:

"Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali:

ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtieġ ġestjoni aħjar"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' ir-Rapport Speċjali Nru 7/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Azzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali: ambizzjonijiet sinifikanti, iżda tenħtieġ ġestjoni aħjar";
2. IFAKKAR li d-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali ("id-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali")¹ tiżgura d-drittijiet għaċ-ċittadini tal-UE li jkollhom aċċess għal kura tas-saħħa sigura u ta' kwalità għolja bejn il-fruntieri nazzjonali fi ħdan l-UE u tiffaċilita kooperazzjoni aktar mill-qrib f'għadd ta' azzjonijiet inkluż, fost l-oħrajn, it-trattament ta' mard rari u l-iskambju transkonfinali tad-data tal-pazjenti;
3. IFAKKAR UKOLL li d-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali tistabbilixxi regoli għall-pazjenti tal-UE li għandhom jiġu rimborżati għal trattamenti riċevuti fil-kura tas-saħħa transkonfinali, tistabbilixxi Punti ta' Kuntatt Nazzjonali responsabbli biex jipprovdu liċ-ċittadini tal-UE b'informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom għal kura tas-saħħa transkonfinali u tiffaċilita l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal pazjenti b'mard rari, fost l-oħrajn, permezz tal-iżvilupp tan-Netzwerke Ewropej ta' Referenza (ERNs);
4. JINNOTA li skont ir-Rapport Speċjali kull sena madwar 200 000 pazjent jieħdu vantaġġ mis-sistemi stabbiliti skont id-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali biex jirċievu trattament barra mill-pajjiż u li l-maġġoranza tal-mobbiltà tal-pazjenti sseħħ bejn Stati Membri ġirien;

¹ ĠU L 88, 04.04.2011, p. 45

5. JISSOTTOLINJA li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà ewlenija għall-politiki tas-saħħa pubblika u li l-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam jenħtieġ li tiġi mfassla biex tikkomplementa u tappoġġa l-attivitajiet tal-Istati Membri;
6. JIEĦU NOTA tas-sejbiet ewlenin tal-Qorti ppreżentati fir-Rapport Speċjali u tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-ħtieġa li jiġu pprovduti aktar appoġġ u gwida għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali lejn komunikazzjoni aħjar dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali liċ-ċittadini tal-UE, tħejjija aħjar għal skambji transkonfinali ta' data dwar is-saħħa tal-pazjenti u appoġġ imtejjeb lill-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-pazjenti għat-trattament ta' mard rari;
7. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tiffaċilita u tespandi l-iskambju transkonfinali ta' rekords elettroniċi tas-saħħa, kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' April 2018² dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Diġitali, l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u l-bini ta' soċjetà aktar b'saħħitha;
8. TIĠBED L-ATTENZJONI għall-kumplessità tal-qafas legali li jipprevedi l-kura tas-saħħa transkonfinali għal pazjenti li tikkonsisti fid-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali u r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali³, fid-dawl tal-kompetenzi tal-UE u l-Istati Membri, l-għadd kbir ta' atturi u strutturi kumplessi fis-seħħ fi ħdan l-Istati Membri;
9. JILQA' t-tweġiba tal-Kummissjoni għas-sejbiet tal-Qorti u l-inizjattivi li diġà ttieħdu biex jiġu implimentati dawk ir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari, l-għoti ta' gwida komprensiva lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' skambji transkonfinali ta' data dwar is-saħħa tal-pazjenti u wkoll l-indirizzar ta' sfidi differenti li jħabbtu wiċċhom magħhom l-ERNS;

² Dok. 6451/18 (COM/2018/233 final)

³ ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1

10. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jikkooperaw mill-qrib lejn l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali permezz ta':

- aktar żvilupp tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa-e (eHDSI) fl-Ewropa kollha, li tippermetti l-iskambji transkonfinali volontarji ta' data dwar is-saħħa tal-pazjenti bħall-preskrizzjonijiet elettroniċi u s-sommarji tal-pazjenti u, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn is-sistemi nazzjonali tas-Saħħa elettronika u l-eHDSI permezz ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ddedikati għas-Saħħa elettronika (NCPeH);
- appoġġ ulterjuri għall-iżvilupp tal-ERNs;

11. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex:

- tappoġġa aktar il-ħidma tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali stabbiliti mid-Direttiva biex itejbu l-informazzjoni pprovduta lill-pazjenti dwar id-dritt tagħhom għall-kura tas-saħħa transkonfinali, inkluż informazzjoni komprensiva u sistematika dwar l-ERNs;
- tissimplifika l-proċeduri finanzjarji u amministrattivi għall-ERNs u tnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom;
- tivvaluta r-riżultati tal-istrateġija tal-2008 dwar il-mard rari u tikkunsidra jekk hemmx bżonn li tiġi aġġornata, adattata jew sostitwita;
- tiżviluppa aktar il-pjattaformi tal-ERNs li jipprovdu linji gwida, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aħjar Prattiki, inkluż il-Pjattaforma Ewropea għar-Reġistri ta' Mard Rari, li għandha l-għan li tgħaqqad ir-reġistri fl-UE u b'hekk tiffaċilita, fost l-oħrajn, ir-riċerka epidemjoloġika u klinika fuq il-mard rari;
- tkompli l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riżultati miksuba mill-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Saħħa elettronika tal-2012 u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-Saħħa elettronika tal-2018 f'termini ta' kosteffettività tal-azzjonijiet meħuda u s-sostenibbiltà tagħhom;

12. JILQA' r-rappurtar regolari mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali, b'mod partikolari dwar il-flussi tal-pazjenti u dwar il-funzjonament tal-ERNs u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jassistu lill-Kummissjoni billi jipprovdu informazzjoni li hija rilevanti għat-tħejjija ta' daww ir-rapporti.
-